

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7695 — BlackRock/First Reserve/Engie/TAG Pipelines Sur)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 224/05)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha, BlackRock, Inc. ("BlackRock", l-Istati Uniti tal-Amerika), First Reserve Management, LP ("First Reserve", l-Istati Uniti tal-Amerika) u GDF Suez SA ("Engie", Franza) jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża TAG Pipelines Sur, S. de R.L. de C.V. ("TAG Pipelines Sur", il-Messiku) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- BlackRock: Maniġer tal-assi kkwotat fil-borża f'isem il-klijenti tiegħu, kif ukoll fornitur tas-servizzi għall-maniġment ta' riskju u s-servizzi ta' konsulenza,
- First Reserve: Ditta ta' ekwità privata speċjalizzata fl-industrija tal-enerġija, li tinkludi servizzi marbutin mal-medda taż-żejt, l-infrastruttura tal-enerġija, u r-riżervi tal-elettriku u tal-enerġija,
- Engie: Il-grupp huwa attiv tul il-katina kollha tal-enerġija, fl-enerġija elettrika u l-gass naturali,
- TAG Pipelines Sur: Il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-pajplajn tal-gass Los Ramones II (Sur) fil-Messiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), jew bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7695 — BlackRock/First Reserve/Engie/TAG Pipelines Sur, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.